# Messaġġ tal-President Onorarju lill-Imsehbin tal-"Ghaqda Letterarja Maltija"

*Minn* Ivo Muscat-Azzopardi

FIL-OKKAŻJONI tas-sena l-ġdida, li għadha kif bdiet, nixtieq bħala President Onorarju tal-Għaqda Letterarja Maltija nagħti lilkom, membri tal-Kumitat u msieħbin tal-Għaqda, kif ukoll lis-semmiegħa kollha tar-Rediffusion li jissimpatizzaw magħkom, nagħti messaġġ ta' xewqa tajba, messaġġ imsawwar bi kliem sempliċi imma li ħerġin minn qiegħ qalbi.

La tinsewx iżda li intom qegħdin tgħumu f'baħar aktarx kwiet u l-bastimenti tagħkom jinsabu mrawma b'għodod moderni li jnaqqsu bosta t-tbatijiet tal-vjaġġ. Għalhekk jidhirli li l-messaġġ tiegħi lilkom ma jkunx sħiħ jekk ma jimxix id f'id ma' messaġġ ieħor, jew aħjar tfakkira, messaġġ ta' ħajr u qima mistħoqq lil dawk li fl-imgħoddi tqabdu u ssieltu għal 350 sena sħaħ biex jiksbu r-rebħa ta' l-Ilsien Malti li qegħdin tgawdu intom il-lum.

Imxu qabel xejn fuq l-eżempju tagħhom u la tinsewx li biex tħobbu l-Ilsien Malti ma hemmx għalfejn tobogħdu ilsna oħra; u biex tistudjaw l-Ilsien Malti ma hemmx għalfejn tittraskuraw ilsna oħra; imma la tinsewx fuq kollox li l-Ilsien Malti huwa dak l-ilsien li jagħmilkom ġens għalikom u li Malti li ma jafx bil-Malti ma jistax jissejjaħ Malti mija fil-mija.

Sakemm il-Malti beda jinkiteb b'ortografija stabbili kellha ssir taqtigħa ħarxa li damet sejra xi 350 sena, jiġifieri mill-1570 sa l-1924 u dawk li ssieltu f'dawn it-350 sena kienu ftit, qabda ċkejkna ta' qalbiena li maż-żmien iżda bdiet tikber, tikber u tikber sakemm saret kotra qawwija li ħadd ma jista' għaliha għax hija msejsa fuq patrijottiżmu u ġustizzja soċjali.

Dawk il-ftit li bdew jissieltu kienu nies aktarx kbar fil-għomor, studjużi xjuħ, sakemm intom ż-żgħażagħ bdejtu tinteressaw ruħkom u ħadtu l-eżempju ta' Alla jaħfirlu missieri li ta' 20 sena kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti jisimha "Lil Baħrija" u ta' 25 sena l-ewwel rumanz storiku-patrju "Toni Bajjada".

L-istorja tal-Letteratura Maltija turina bħala l-ewwel xempju lil Mons. Duzina u warajh Francesco Uzzino u mbagħad il-Kanonku Ġanfranġisk Sultana, il-Kav. Thezan, Mikiel Anton

Vassalli, Peppu Caruolo, Dr. Naudi, Francis Vella, Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi, Dr. Ġalanton Vassallo, Taylor u xi ieħor 'l hawn u 'l hinn. Dawn kienu l-qalbiena li mill-1570 sa l-1840 tqabdu fl-ewwel battalja.

Imbagħad ġiet mewġa oħra ta' patrijotti: il-Prof. Zerafa, G.C. Delicata, George Percy Badger, il-Kan. Fortunato Panzavecchia. Dehret ix-Xirka Xemija u s-*Società Filologica* u magħha S. Mamo, Annibale Preca, GioBattista Falzon u A. E. Caruana.

Fl-1893 tfaċċat mewġa oħra li magħha dehret ix-xewqa li titwaqqaf Xirka biex tirregola l-Kitba Maltija. Il-perċimes kienu Napuljun Tagliaferro, Ninu Muscat-Fenech, A. E. Caruana, Killi Ferris u Ġużè Muscat-Azzopardi. Imma l-ħidma tagħhom ma seħħetx.

Fl-1901 Ġanni Vassallo kiteb "Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija" imma donnu li ż-żmien kien għadu ma wasalx biex ir-rivoluzzjoni letterarja ssir.

Fl-1904 riħ qawwi beda jonfoħ favur il-kitba Maltija u f'dan il-Moviment reġgħu dehru Napuljun Tagliaferro, Ġużè Muscat-Azzopardi u magħhom qabda kittieba oħra ġodda fosthom Fonsu Marija Galea, il-ġeżwita E. Magri, Pawlu Bellanti, Dun Ġużepp Farrugia, Wistin Levnzin, il-Prof. Nerik Magro, Ċensu Busuttil u wara żdiedu magħhom Ġanni Vassallo, Dun Karm Psaila, Mons. Pawlu Galea, u akfar tard Ninu Cremona, l-Avukat Ġużè Micallef u Mons. Kan. Dun Pawl Cauchi.

Issa ż-żmien tal-fidwa kien beda joqrob sewwa u wieħed żagħżugħ, Franġisk Saver Caruana, tafa' l-ewwel xrara billi għaqqad miegħu xi oħrajn, u f'Novembru ta' l-1920 twieldet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li wara ħafna xogħol ta' reqqa u studju, u wara li kienet talbet lil kull Malti li huwa interessat, biex jingħaqad magħha, ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924.

F'Kunċert li kien sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar 1934 biex jinġabru xi flus ħalli dan il-Ktieb jidher stampat, kien indaqq l-Innu Malti, li l-lum sar l-Innu Nazzjonali tagħna l-Maltin, u dan juri rabta bejn l-Ilsien Malti u n-Nazzjon Maltija.

Is-sigriet li l-lum jista' jinkixef u li jispjega l-għala "Il-Malti"—l-organu tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"—baqa' joħroġ regularment sal-lum u għandu 30 sena ħajja u l-għala qatt ħadd ma attakkah, is-sigriet hu li, kif qal l-Editur fit-tieni ħarġa

ta' "Il-Malti" (dan kien fl-1924): Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kien fiħsiebha li ma tidħol qatt fil-politika.

Wara l-ewwel Editur, li kien Ġużè Muscat-Azzopardi, laħaq Dun Karm Psaila u warajh it-Tabib Ġużè Galea. It-tlieta żammew kelmithom u fir-Rivista "Il-Malti" ma ħallew lil ebda kittieb iqabbeż fin-nofs il-politika.

Mill-1924 'il hawn ingħaqdu għaxriet ta' Maltin oħra u wara saru mijiet u aktar tard eluf u eluf ta' l-eluf. Il-lum il-Malti huwa meqjum minn kulħadd. Ftit huma dawk li għall-interessi persunali tagħhom għadhom rashom iebsa.

L-eluf ta' żgħażagħ li jħobbu l-Ilsien Malti, iħobbu wkoll l-Istorja ta' Malta, il-qedem Malti, il-letteratura Maltija u għaliha qegħdin jaħdmu bla hedu, u fost dawn il-ħafna żgħażagħ intom l-imseħbin tal-"Għaqda Letterarja Maltija" tiffurmaw kolonna qawwija, kolonna fost kolonni oħra li fuqhom qed jinbena palazz kbir, sabiħ, għani, li għad jilqa' fi ħdanu l-Maltin kollha.

Din hija x-xewqa li nixtiqilkom għas-sena l-ġdida.